MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 6/2010

**Neville u martu Sandra Pace**

**Vs**

**Karkanja Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fis-16 ta’ Gunju 2010 li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu hlas ta’ hdax-il elf u hames mitt ewro (€11,500) rifuzjoni ta’ depozitu akkont tal-prezz li hallsu fuq konvenju li ffirmaw quddiem in-nutar Dr Victor Bisazza fit-22 ta’ Settembru 2009 ghax-xiri ta’ appartament formanti parti minn Blokk A f’Misrah ta’ Cenc Residential Complex, Triq il-Palazz Palina, Sannat, Ghawdex.

Is-socjeta konvenuta kkontestat it-talba permezz ta’ risposta li pprezentat fit-2 ta’ Lulju 2010 (fol. 16) fejn

iddikjarat li l-ebda hlas ma kien dovut peress li kellha dritt izzomm id-depozitu bhala danni pre-likwidati peress li l-atturi naqsu milli jersqu ghall-att finali minghajr raguni valida.

Wara li nstemghu l-provi kollha s-socjeta konvenuta pprezentat nota li permezz taghha ammettiet it-talba tal-atturi.

**Ghal dawn il-motivi in vista tal-ammissjoni tas-socjeta konvenuta qeghda tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' hdax-il elf u hames mitt ewro (€11,500) bl-imghax kif mitlub. Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta.**

**Ghal kull buon fini in vista tad-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tas-socjeta konvenuta fis-seduta tal-lum, qeghda tawtorizza lill-atturi sabiex jisbankaw il-flus li gew depozitati fil-qorti permezz ta' cedola ta' depozitu numru 152/2010 in segwitu ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet Neville Pace et vs Karkanja Limited (111/2010) akkordat fit-18 ta' Gunju 2010.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------